# L-Armi ta' l-Ewwel Sitt Kanturi fil-Knisja l-Qadima ta' Sta. Katerina

Rev. Kan. Joe Abela

- **Nhar San Girgor il-quddiesa titqaddes mill-kantur**
- **Il-knisja ta' Santa Katerina fiż-Żejtun benefizzju tal-kantur**
- **Tagħrif siewi dwar l-istorja tal-Knisja f'Malta**
- **Rabta taż-Żejtun mal-kanturi**

## MonsinjurInkarigati mill-Kant

Min jidħol fis-sagristija tal-knisja parrokkjali l-qadima ta' Santa Katerina fiż-Żejtun, dik li llum komunement insibuha bħala l-knisja ta' San Girgor, jara mpittra bil-kulur fuq il-ħidan mad-dawra tas-sagristija numru ta' armi b'kitbiet taħthom bil-Latin. L-ewwel waħda tibda mis-sena 1372, u l-aħħar waħda tasal sa żmienna. Dawn huma l-armi tal-kanonċi, jew kif insejħulhom, tal-monsinjuri, li kienu l-kanturi tal-Katidral ta' l-Imdina. Ir-raġuni hi li l-knisja ta' San Girgor kienet proprjetà tal-kapitlu tal-Katidral. Kull monsinjur kien ikollu dak li jissejjaħ benefizzju, jiġifieri dħul finanzjarju minn xi proprjetà, bini jew artijiet, biex ikun jista' jgħix b'mod diċenti. Din il-knisja, flimkien ma' xi artijiet, kienet il-benefizzju tal-kantur. Għalhekk fiż-Żejtun għandna triq li ġġib l-isem *Triq il-Kantur*. Il-kantur kien dak il-monsinjur inkarigat mill-kant u fil-funzjonijiet u l-purċissjonijiet iġorr il-virga fuq spallejh. Difatti l-quddiesa li ssir kull sena f'din il-knisja kif tispiċċa l-purċissjoni ta' San Girgor, dejjem titqaddes mill-kantur tal-Katidral.

## Kitbiet taħt l-Armi

Għidna li taħt l-arma ta' kull kantur naraw skrizzjoni qasira. Din il-kitba tagħti informazzjoni fuq kull kantur partikolari, u peress li l-kantur kien saċerdot prominenti fil-Knisja Maltija, dawn il-kitbiet jitfgħu ħafna dawl fuq l-istorja tal-Knisja f'Malta. Xi wħud mill-kitbiet huma qosra u xotti, iżda oħrajn huma ftit itwal u għalhekk għalina huma aktar interessanti. Għall-inqas dejjem jagħtu s-snin tan-nomina bħala kantur u tal-mewt ta' kull wieħed. Nistgħu, per eżempju, minnhom inkunu nafu meta l-monsinjur bdew jilbsu l-mitra u s-salib pettorali, għaliex meta sar dan, dawn jibdew jidhru bħala parti mill-arma tal-kanturi. Xi wħud minnhom kienu kappillani tal-parroċċi qabel saru monsinjuri; oħrajn kienu responsabbli mill-Knisja f'Malta wara l-mewt ta' l-isqof jew fl-assenza tiegħu. Fosthom naraw l-arma ta' Mons. Luca Bonici, li kien mill-istess familja ta' Girgor Binici, il-benefattur kbir tal-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun. Niltaqgħu wkoll ma' l-arma ta' l-uniku kantur Żejtuni, Mons. Gio Batta Buhagiar. L-armi għandhom ukoll valur eraldiku, għaliex minnhom l-istudjużi ta' l-armi, jistgħu jaraw kif l-armi ta' ħafna kunjomijiet Maltin, u xi wħud barranin, kienu jitpittru fil-qedem. S'intendi xi diffikultajiet hemm ukoll. Per eżempju, matul il-ħafna snin li ilhom jeżistu, xi wħud minn dawn il-kitbiet, jew aħjar partijiet minnhom kellhom jiġu rrestawrati minn restawraturi li ma kinux jafu Latin biżżejjed, u allura llum xi kliem ma jagħmilx sens jew ma jinqarax tajjeb, filwaqt li xi snin huma dubjużi. Diffikultà oħra hi li xi wħud minnhom, speċjalment dawk ta' l-ewwel snin, żgur li ma sarux fi żmien il-ħajja tal-kanturi li jirrappreżentaw, iżda wara, għaliex din is-sagristija ma kinitx mibnija fis-sekli 14 u 15.

## Importanza tal-Kapitlu fl-Assenza ta' l-Isqof

F'dan l-istudju se nitkellmu dwar l-ewwel sitt kanturi biss, u fejn nistgħu naraw x'dawl jitfgħu fuq l-istorja taż-Żejtun. Peress li m'għandniex dokumenti biżżejjed dwar il-kleru Malti, jew saċerdoti barranin konnessi ma' Malta, l-importanza ta' dawn is-sitt saċerdoti aktar tikber. Wara li l-Konti Ruġġieru II waqqaf amministrazzjoni Nisranija f'Malta fl-ewwel snin tas-seklu 12, bilfors li kien hemm xi qassisin preżenti, speċjalment fl-Imdina u l-Kastell tal-Birgu. Mhux qed nitkellmu dwar l-isqfijiet ta' Malta, li dak iż-żmien kienu jkunu barranin u lanqas biss kienu joqogħdu f'Malta, minħabba l-biża' mit-Torok. F'Malta l-isqof kien iħalli saċerdot vigarju li jirrappreżentah, u hu jiġi biss fil-gżira, darba kultant,

jekk kien jiġi! Ma rridux ninsew li fis-seklu 12 u 13 l-Insara Maltin kienu għadhom ftit tin-numru, wara d-dominanza tal-Misilmin fis-sekli ta' qabel, sitwazzjoni li damet prevalenti fil-gżejjer Maltin għal ħafna snin wara, kważi sal-miġja tal-kavallieri fl-1530! Il-perjodu ta' l-Anġevini fih xi dawl dwar is-saċerdoti membri tal-Katidral. Kien biss fis-sena 1299 li għandna riferenza ċara għall-Katidral. Kien żmien meta mhux biss l-Isqof ta' Malta, iżda wkoll xi saċerdoti prominenti fil-Knisja Maltija, bħala monsijuri tal-Katidral, u aktar tard xi kappillani, kienu jkunu barranin, speċjalment Sqallin. Kien żmien meta Malta kienet għadha kunsidrata bħala art tal-Missjoni, u kif illum għadna naraw saċerdoti barranin fl-artijiet tal-Missjoni, hekk kienu jiġu f'Malta f'dawk iż-żminijiet imbiegħda. Kien sinodu djoċesan li sar f'Catania, Sqallija, fl-1398, li pprova jirranġa xi ftit is-sitwazzjoni, meta ddeċieda li ***Ne quis beneficia Melite habere vel obtinere possit nisi sit Melevitanus***, jiġifieri saċerdot li ma jkunx Malti ma kellux igawdi xi benefizzju ta'art Maltija. Iżda ma kinitx ħaġa ħafifa li teqred drawwa li kienet ilha teżisti mijiet ta' snin! Ir-Rollo ta' l-Isqof Senatore de Mello tas-sena 1436 jagħtina prova li għall-aħħar snin tas-seklu 14, Malta kienet diġà maqsuma f'numru ta' parroċċi, u waħda minn dawn il-parroċċi kienet din ta' Santa Katerina fiż-Żejtun.

## Bartholomeus Ghasciak

Għidna li taħt l-arma ta' l-ewwel kantur fis-sagristija ta' San Girgor, hemm kitba li tgħidilna li hu sar kantur fl-1372. Iżda minn fonti oħra nafu li qabel dan **Dun Bartilmew Axiaq**, kien hemm żgur kantur ieħor, ċertu **Reverendu Alexander** fis-sena 1274, li jissemma mill-istoriku V. Laurenza fil-pubblikazzjoni ***Malta nei documenti angioni del R. Archivio di Napoli***. Axiaq kien jiġbor il-qbiela mill-bdiewa Żwieten f'isem l-**Isqof Ilario Corrdo** u wara hu stess irċieva l-benefizzju tas-Saqqajja f'Għawdex. Kien ġie nnominat Vigarju tal-Katidral, u allura responsabbli mill-Knisja Maltija wara l-mewt ta' Mons. Corrado, Isqof ta' Malta, fl-1370. Dan l-Isqof Corrado kien Patri Duminku nominat Isqof ta' Malta mill-Papa Innoċens VI fl-1356. Kien is-Sultan ta' Sqallija Federiku IV, li ggarantixxa lil Axiaq id-drittijiet kollha li qabel kellu l-Isqof Corrado fuq id-djoċesi ta' Malta. Darba fost l-oħrajn, dan Axiaq kien ukoll laqa' f'daru lill-Isqof Corrado. Axiaq miet fl-1391. Parti kbira minn dan it-tagħrif toħroġ mill-kitba taħt l-arma tiegħu f'San Girgor.

## Paulus Nava

Paulus Nava hu t-tieni kantur (1392-1418) reġistrat fis-sagristija ta' San Girgor. Xi awtur jgħid li dan kien kunjomu Nani, għaliex ġieli l-kitba fid-dokument tkun diffiċli tinqara. Nava kien membru tal-familja nobbli De Nava mill-belt ta' Catania fi Sqallija, li kienu gvernaturi tal-Kastell tal-Birgu. Bħal ta' qablu Nava kien jiġbor il-qbiela għall-Isqof ta' Malta, **Antonius de Vulpunno** (1375-92), li kien jgħix fi Sqallija. Dan Vulpunno kien Patri Benedittin li ġie nnominat Isqof ta' Malta mill-Papa Gregorio XI. Warajh sar Isqof ta' Malta **Maurus Calì**, li nzerta kien Patri Benedittin Malti li joqgħod fi Sqallija. Fl-1408 Calì ġie maħtur arċisqof ta' Catania. Peress li l-kitba taħt l-arma ta' Nava f'San Girgor hi pjuttost xotta, ma tantx tagħtina tagħrif dwaru. Hu miet fl-1418.

## Bartholomeus Gatto

Bartholomeus Gatto hu t-tielet kantur (1419-29) imsemmi f'San Girgor. Kien xhud fil-fundazzjoni tal-***Vagnoli animagium*** u benefiċċjarju fit-testment ta' Federico De Bordino. Nies naqas li jħallas xi dirttijiet li kellu jagħti lid-dekan. Fi żmienu, barra Calì, Isqof ta' Malta kien ukoll **Andreas de Pace**, patri Sqalli a' l-Ordni Franġisku Minuri, li kien ġie nominat Isqof ta' Malta mill-Papa Pisan Alessandro V fl-1408, iżda wara ftit l-istes Papa nnomina lil Antonio, Isqof ta' Calaman, fl-1409. Skond il-kitba f'San Girgor, il-Kantur Bartholomeo Gatto miet fl-1429.

## Michael De Fabro

Michael De Fabro, il-kantur li jmiss (1430-40), żgur lihu wieħed mill-aktar kanturi importanti fl-istorja taż-Żejtun. Skond l-Istoriku Dumnikan, Patri M. Fsadni, kien De Fabro li bena fl-1402 il-knisja ta' San Mark fir-Rabat, Malta, li hu ħalla fit-testment tiegħu lill-Patrijiet Dumnikani. Bħala prokuratur tal-Katidral fl-Imdina, hu kien responsabbli għax-xogħol li sar fis-saqaf ta' dan il-Katidral fl-1422. Iżda aħna ż-Żwieten għandna aktar niftakruh bħala l-kantur li fi żmienu l-Isqof ta' Malta **Senatore de Mello** (1432-45), saċerdot Spanjol li kien jgħix f'Catania, ġie Malta fl-1436 u waqqaf kummissjoni ta' erba' monsinjuri biex jiġbrulu lista tal-benefizzji, prebendi u parroċċi, flimkien mad-dħul finanzjarju, li kienu jeżistu fil-gżejjer Maltin, li dak iż-żmien kienu għadhom djoċesi waħda. **Kien bis-saħħa ta' din il-lista, li tissejjaħ *Rollo*, li aħna sirna nafu li fl-1436, iż-Żejtun kien diġà parroċċa ddedikata lil Santa Katerina ta' Lixandra**. Kappillan taż-Żejtun kien **Dun Pawl Branchel**, li f'idejh il-Kantur Michael Fabro ħalla l-knisja parrokkjali ta' San Katerina, li allura kienet prebenda tiegħu, iżda mingħajr ma hu u s-suċċessuri tiegħu jitilfu d-drittijiet li kienu jmissu lilu. F'kelma waħda tah l-użu tal-knisja ta' Santa Katerina għall-ħidma pastorali fost iż-Żwieten, iżda d-dħul finanzjarju mill-artijiet marbuta ma' din il-knisja kellu jibqa' jgħajjat lilu! Nikkwota l-preċiżi kelmiet bil-Latin li jidhru taħt l-arma tiegħu f'San Girgor: ***Epo Senatore De Mello votis populi Zeitun annuente hanc sedem D. Paulo Branchel P. huius parocho salvis iuribus et piminents sibi suisq***

*debitis concessit*. Din is-sentenza kellha fil-futur tkun il-kawża ta' inkwiet bejn il-kanturi u l-kappillani ta' wara taż-Żejtun, għaliex il-parroċċa tagħna sabet ruħha fqira u mingħajr ebda proprjetà, peress li l-artijiet li kellu San Girgor kollha waqgħu f'idejn il-Kapitlu tal-Katidral. Jien nistaqsi, "Minkien ħalla dawn l-artijiet fiż-Żejtun lill-kantur? Iż-Żwieten jew oħrajn? Possibbli li kien il-Konti Ruġġieru? U min ħallihomlu lill-kantur, ma kellux f'moħħu jħallihom lilu biex jieħu ħsieb il-kura spiritwali taż-Żwieten? U issa mhux il-kappillan taż-Żejtun beda jagħmel dan ix-xogħol?" Hu x'inhu r-riforma ġusta finanzjarja li saret fi ħdan il-Knisja Maltija ftit tas-snin ilu, taffiet saċertu punt din il-pjaga.

**R.D. Henricus De Nobili Bordinorum Familia** sar kantur fl-1441, wara l-mewt ta' Fabro. Dan **Enrico Bordino** kien in-neputi ta' Bartolomeo De Bordino u ħu Rogerio Bordino, il-kantur ta' warajh. Għalkemm il-kitba f'San Girgor ftit tagħtina tagħrif dwar dan Enrico Bordino, minn fonti oħra nistgħu niġbru xi informazzjoni fuqu. Kien Bartolomeo De Bordino li ħalla lit-tliet neputijiet tiegħu – Enrico, Rogeri u Nicola de Bordino – bħala l-eredi tiegħu universali fl-1454. Il-kantur Enrico Bordino rċieva l-benefizzju Vagnoli mingħand l-Isqof ta' Malta **Antonius De Alagona** (1447-78), li kien Patri Benedittin f'Catania li ġie nominat Isqof ta' Malta mill-Papiet Eugenio IV. Bħala vigarju episkopali, Enrico Bordino rrappreżenta lill-Isqof De Alagona fil-Kunsill ta' l-Imdina, li dak iż-żmien kienu qisu l-Gvern ta' Malta għalkemm b'awtorità limitata. Kien Bordino li ġieli ta xi pariri lill-membri ta' dan il-kunsill dwar id-difiża ta' l-Imdina, li ma ninsewx kienet il-belt kapitali ta' Malta.. Bordino daħal ukoll fi kwistjoni mad-Djaknu Francesco Zammit mis-Siġġiewi dwar il-qtil ta' Cola Caxaru. Hu kien proprjetarju ta' l-artijiet imsejħa Ta' Gunta, u għamel xi żmien prokuratur tal-Katidral ta' l-Imdina. Fit-testment tiegħu, li hu għamel għand in-Nutar Luca Sillato, hu inkluda bħala werrieta lin-neputija u lin-neputi, il-Kjeriku Enrico De Bordino. Skond il-kitba f'San Girgor, il-kantur Enrico Bordoni miet fl-1481, iżda laħaq irriżenja favur ħuh Rogerius.

## Rogerius De Bordino

Hekk dan Rogerio sar il-kantur li jmiss (1481-91). Hu kien ġie mogħti l-*cappella dilu Naxar* wara li minnha kien spiċċa **Don Andrias dela Turri**. Dwar din il-kappella tan-Naxxar kellu l-inkwiet ma' **Don Lemud Falzon**. Rogierio Bordino kellu l-benefizzju ta' **Cortin Herrin** f'Għawdex u kien ukoll jattendi l-laqgħat tal-Kunsill Popolari ta' l-Imdina. Kellu biċċa art fl-Imdina u l-artijiet ta' San Ġakbu. Iddota lin-neputijiet tiegħu Agnesia meta din iżżewġet lil Pawlu Vaccaro. Miet nhar is-17 ta' Jannar 1496, festa ta' Sant'Antnin Abbari. F'San Girgor is-sena tal-mewt tiegħu hi mniżżla 1491, iżda kif għidna fil-bidu, dawn id-dati ġew mimsusa u probabbli saru xi żbalji.

Dawn kienu biss l-ewwel sitt kanturi li l-armi tagħhom qegħdin f'San Girgor. Forsi xi dettalji li jien tajt minn ħajjithom lilna fiż-Żejtun ma jinteressawniex mill-viċin, iżda meta nikkunsidrawhom kollha flimkien, speċjalment jekk inżidu magħhom in-numru wisq akbar ta' kanturi oħra rreġistrati f'San Girgor, żgur li jgħinuna napprezzaw l-istorja mifruxa fuq mijiet ta' snin ta' din l-ewwel knisja tagħna ddedikata lil Santa Katerina.

**Riferenzi:**

1. Kitbiet taħt l-armi tal-kanturi fis-sagristija ta' San Girgor.
2. **Stanley Giorini**, *History of the Church in Malta*, Vol. I.
3. **Arthur Bonnici**, *History of the Church in Malta*, Vol. I.

